KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 58**

**It-Tlieta 6 ta' Diċembru, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsillier *(online)* |
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joe Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 58.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

**58.01.01** Il-Kunsillier Joseph Baldacchino bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**58.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli bagħtet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba mpenji tax-xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**58.01.03** Il-Kunsillier Carlo Stivala bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 58.02 Approvazjoni tal-minuti (Seduta 57)

**58.02.01** Ma kienx hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-mimuti tas-Seduta 57.

Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Farrugia, l-minuti ġew approvati unnanimament.

## 58.03 *Arising* mill-minuti (Seduta 57)

**58.03.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li kien sar xi tibdil fuq il-kwotazzjoni (punt 57.04.04) rigward l-iżbir ta' siġar fl-iskola primarja u l-*housing estate*. Kien hemm varjanza żgħira fil-prezz minħabba li kien hemm żewġ siġriet li ma kienux ġew inklużi u għaldaqstant l-ispiża żdidet bi €90.

*Bħalissa is-17.50h u l-Kunsillier Alex Caruana ingħaqad għas-seduta.*

## 58.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

**58.04.01** *PVC għall-Merħba signs*: Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (B) numru 3 għall-prezz ta' €220.

**58.04.02** *Qtugħ ta' ħaxix fi Sqaq il-Madonna ta' Lourdes*: Kien hemm talba għal 4 kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (D) għall-prezz ta' €65. Hawn is-Sindku Scott Camilleri astjena min dan il-vot. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu fuq kwotazzjooni (D).

**58.04.03** *Bnadar żgħar u standarti*: Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (B) numri 1 u 2 għall-prezz ta' €70.8 u €177 rispettivament għall-bnadar biss. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab biex jiġu provduti kampjuni tad-drap li ser jintuża għall-bnadar.

**58.04.04** *Balloon Modeling Entertainment*: Kien hemm talba għal din l-attrazzjoniji fl-attività *Rigal b'imħabba* li ser issir fit-13 ta' Diċembru għall-prezz ta' €350. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 58.05 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**58.05.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-pagament numru 58 fejn inutat li hu rħis ħafna. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li f'dak il-perjodu jkun hemm ftit *bookings*.

**58.05.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-pagament numru 66 u għaliex intużaw dawn il-*barriers*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li dawn kienu l-*barriers* li ntużaw fl-attività tal-Millied fil-Pjazza biex jingħalqu t-toroq hekk kif mitlub mill-Pulizija.

**58.05.03** Is-Sindku Scott Camilleri informa li tħallset wkoll is-sistema l-ġdida tall-alarm fil-binja tal-Kunsill.

*Petty Cash:*

**58.05.04** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-*petty cash*.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana u sekondat mill-Kunsillier Joseph Farrugia, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unnanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-*petty cash*.

## 58.06 Kommunikazzjoni tas-Sindku

**58.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri irringrazzja tal-parteċipazzjoni u l-għajnuna li ingħtat mill-Kunsilliera u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill fl-attività tal-Milied fil-Pjazza. Kien *weekend* tajjeb u sar *coverage* tajjeb mil-*media* u l-attendenza kienet numeruża bil-kunċert kien tajjeb ukoll. Hu wkoll irringrazzja l-Grupp tal-Armar, il-Parroċċa kif ukoll iż-żewġ għaqdiet mużikali tal-lokal. Semma wkoll li ntrama' id-dwal fit-toroq, x-xtut u mal-palm tal-Bajja is-Sabiħa kif ukoll il-każini u l-Paroċċa li ramaw id-dawl mal-faċċati tagħhom.

**58.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li nhar il-Ħamis 8 ta' Diċembru ser jiġu inawgurati id-dwal dekorattivi li saru fil-pjazza ta' Bengħajsa f'investiment ta' madwar €50,000 li sar kollhu bil-fondi tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li dan il-proġett ġie daqshekk fin-nefqa għax kien hemm diġa l-pajpijiet tal-*conduit* mgħoddija. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Kunsill Lokali hu kapaċi jagħmel proġetti tajbin wkoll mingħajr il-fondi mill-iskemi u hawn appella lill-Gvern Ċentrali biex jagħti fondi diretti lil-Kunsilli mingħajr ma' joħroġ l-iskemi.

**58.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri ħabbar li l-Kunsill irnexxielu jikseb fondi mill-iskemi s-somma t'iżjed minn €47,000 għall-proġett ta' l-*ismart playing field* għall-Ġnien Mon. Ġużeppi Minuti li hemm ġewwa San Ġorġ.

**58.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri ħabbar li rigward l-*under ground bunker* ta' Benagħjsa, il-ħsieb huwa li l-Għaqda Storja u Kultura ser torganizza attività żgħira għan-nies li jixtiequ jaraw dan il-*bunker.* Il-Kunsill ħa ħsieb li jixtri *helmets* u *torch lights* għas-sigurta

tan-nies li ser iżuru dan il-post, kif ukoll li jinqata' il-ħaxix tal-madwar. Hu semma wkoll li l-grupp tal-iscouts, selfulna d-dawl temporanjament għal din l-attività.

**58.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm laqgħa mal-*Malta Freeport Corporation* rigward il-*multi story car park* u għandu jiġi diskuss it-*traffic management* ta' Ħal Far.

**58.06.06** Is-Sindku Scott Camilleri ħabbar li din il-gimgħa daħlet it-talba għad-devoluzzjoni tal-Berġa u l-Librerija mal-*Lands Department* u li għanda tiġi konkluża fi żmien xahrejn, biex 'l pass li jmiss hu li jibda il-proċess tal-applikazzjoni mal-*Planning Authority*. Hu irringrazzja lil-Perit Luke Portelli tal-impenn tiegħu f'dan il-proġett. Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni diġa ħarġu in-*no objection* tagħhom, u jidher li l-miri ta' perjodu li kienet ippjanata qed jiġu milħuqa. Il-Kunsillier Alex Caruana faħħar ix-xogħol siewi u fil-pront li qed jagħmel il-Perit Luke Portelli.

**58.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm laqgħa mal-ERA u r-rappreżentanti tal-WSC rigward l-impjant tal-ħut. Ir-rappreżentanti ġew mistiedna għal-laqgħa oħra llum però u li huma ma kienx possibli li jattendu. Hu semma li matul tmiem il-ġimgħa li għaddiet kien hemm sitwazzjoni fejn ħarġet riħa qawwija ta' ħut mis-sistema tad-drenaġġ speċjalment fi Triq iż-Żebra u l-inħawi u li qed jinħoloq inkonvenjent għas-saħħa tar-residenti. Hu talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jagħmel kuntatt mal-Avukat Dr.Claire Bonello biex tibgħat immedjatament ittra legali lil-ERA biex jiġu obbligati li jimxu mar-rekwiżiti li dawn qegħdin jgħidu li l-kumpanija qed tonora. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li ftit tal-ħin ilu kellu kuntatt ma' persuna li lmentat miegħu rigward ir-riħa qawwija tinten tal-ħut. Hu mar immediatament fin-naħa 'Tal-Papa' u l-Qajjenza fejn ir-riħa tinten ta' ħut kienet tinxtam qawwijja ħafna u għamel kuntatt ma' Dr. Charlon Gouder fejn ġie mitlub biex imur fl-impjant biex jara jekk hemmx din ir-riħa. Hu mar ġewwa l-impjant u r-riħa kienet tinxtamm imma mhux daqshekk qawwija daqs kemm kienet fin-naħa 'Tal-Papa'. Hu żied jgħid ukoll li meta daħal ġewwa l-fabbrika, ir-riħa kienet aktar qawwija u l-materjal li kien qed jiġi proċessat, kien jixbaħ ħafna lil dak li kien qed jidher fir-ritratt ta' meta far id-drenaġġ fi Triq iż-Żebra. Il-Kunsillier Johann Borg ikkonferma dak li kien għadu kif qal il-Kunsillier Alex Caruana għax hu wkoll kien għamel żjara f'dan l-impjant. Il-Kunsillier Alex Caruana ikkonferma wkoll li kienu qed jaħdmu bil-*bowser*. Ħafna mil-Kunsilliera preżenti qablu li l-interess tagħhom hu biss, li ma jkunx hemm riħa kif kien imwiegħed fil-lokalità u mhux fl-impjant.

Hawn is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li nhar it-Tnejn li ġej, isir *site visit* fl-impjant waqt li jkun qed jopera u tiġi nfurmata l-Avukat Bonello biex tibgħat ittra legali. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li l-importanti hu li ma jkunx hemm irwejjaħ fil-lokalità kif kien imwiegħed u irrelivanti l-viżta fl-impjant. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li dan il-ftehim kien imsemmi f'waħda mis-seduti preċidenti. Il-Kunsillier Johann Borg issuġġerixxa li r-residenti jinżammu nfurmati ta' x'qed isir min-naħa tal-Kunsill.

**58.06.08** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsilliera preżenti li fit-30 ta' Novembu saret laqgħa bejnu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana, il-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsillier Joseph Farrugia mal-Brigadier Jeffrey Curmi rigward it-triq temporanja li saret mil-kuntratturi bejn Triq Bourlemaque u Triq Għar Dalam. Għal din it-triq temporanja l-Kunsill dejjem oġġezjona minħabba li tinsab fil-*buffer zone* ta' Għar Friefet u li tiżbokka fi triq traffikuża ħafna u li tista toħloq periklu. Il-Kunsill bagħat diversi

kundizzjonijiet lil-CMP *(Construction Management Plan)* li: fit-tarf ta' din it-triq għandhom issiru road humps, din tkun waħda temporanja u li wara li jitlestew ix-xogħolijiet, din it-triq għanda terġa tiġi fl-istat oriġinali tagħha. Hu żied jgħid li wara li konna ilna nitolbu għal *fexible bollards* fit tarf tat-triq, ġejna nfurmati li dawn ser isiru minn Transport Malta u l-ispiża se issir mill-kuntrattur. Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet jekk dan il-kuntrattur ta' proġett kbr hux f'posizzjoni li jagħti kontribut lura lir-residenti li qed jikawżalom diversi inkonvenjenti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġiba li rigward bini ta' propjeta privata, hemm il-*Planning Gain* tad-*Development Planning Funds* li b'dawn il-fondi jkun jista jipprovdi għajnuna lill-lokal. Hu żied jgħid li l-Kunsill jista' jagħmel pjan ta' *upgrade* u x'jixtieq li jsir u jitkellem mal-kuntrattur u naraw jekk jaċċettax.

## 58.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**58.07.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjonijiet.

## 58.08 Korrispondenza

**58.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Perit Carmel Caccopardo biex jagħmel l-intervent tiegħu fuq il-faċilita' "*End of Live*" fi Triq Bengħajsa. Il-Perit Carmel Caccopardo, spjega li hemm binja li għanda permess biex tintuża għal xogħol marbut ma' mekkanik, u s-sid irid jibdila biex il-binja tibda tkun reċiklat il-partijiet ta' karozzi. Hu ssiġġerixxa li ssir sotto missjoni fejn din il-persuna mhux ser iżid l-attività u li sempliċiment ser jaqleb minn attività għall-oħra u fejn ma tkunx ser toħloq impatt addizzjonali fuq dak li hemm diġa. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li hi tibża li jista' ikun hemm żieda ta' ħsejjes u jdewweb xi materjal. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Perit jekk hux possibli li jsiru xi tip ta' restrizzjonijiet biex ma jikkawżawx interferenzi fuq ir-residenti. Il-Perit wieġeb li l-aħjar li jsir, hu li ma' jiżdiedx il-volum tal-attività. Il-Perit qal li kien ser jagħmel *draft letter* u jibgħata lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

**58.08.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lis-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana sabiex jispjegaw dwar is-sistema tal-*one way* viċin Triq Arturo Issael sabiex tkun tista' issir bankina ġdida. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li kien hemm talba biex issir bankina n-naħa tas-*soft area*, u minħabba l-limitazzjoni tal-wisa' tat-triq, il-Perit tal-Public Works issuġġerew li ssir bankina billi tittieħed biċċa fis-*soft area*. Transport Malta approvaw dan il-permess billi approvaw is-sistema tal-*one ways* fit-toroq tal-madwar iġifieri Triq Arturo Issael, Triq il-Gerien, Triq il-Maqdes u Triq il-Ħajja Ewlenija.

**58.08.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat avża li l-Kunsill irċieva kommunikat minn-naħa tar-Reġjun tan-Nofsinhar rigward li issar r-Reġjun għandu il-kuntratt tad-DPO (*Data Protection Officer*). Il-Kunsilli kollha fi ħdan ir-Reġjun jistgħu jagħmlu użu minn dan is-servizz, fejn iħallsu €18 fis-siegħa għal meta jitolbu dan is-servizz. Hu żied għid li mir-riċerka li għamel hu mis-snin passati s'issa dan is-servizz, intuża darba biss u għaldaqstant il-Kunsill ser inkun qed nifranka madwar €2,000 fis-sena. Is-Sindku Scott Camilleri żied jgħid dan ser ikun qed jaġġorna id-*Data Protection Act* fil-*website* tal-

Kunsill. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li ser jitterminaw il-kuntratt preżenti u jagħmlu użu mis-servizz offrut mir-Reġjun.

**58.08.04** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-*website* tal-Kunsill. Il-Gvern Lokali ser jagħmel sistema ta' website waħda uniformi għall-Kunsilli kollha u fejn qed jitlob lil kull Kunsill biex jiġu aġġornati. Hu żied jgħid li ser jingħata *tablet* biex meta jkun hemm laqgħat u seduti, jintuża u jiġu evitati ħafna ħela ta' karti. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li nneħħu il-*website* preżenti u mmorru  għal dik tad-Dipartiment. Il-paġna ta' *facebook* ser tibqa' dik li hemm bħalissa.

**58.08.05** Is-Sindku Scott Camilleri avża li kien hemm MoU bejn l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala u l-Kunsill Reġjonali dwar iż-żamma tal-ħaxix salvaġġ fil-passaġġi rurali biex jattira lin-naħal. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li hemm erbgħa għażliet differenti u li trid tintagħżel waħda minnhom. Il-Kunsilliera kollha preżenti għażlu li jmorru għal dik ta' *"Firmatur Parzjali"* fejn ikun hemm passaġġi li fihom ikun hemm il-bżonn li jinqata' il-ħaxix ħażin u oħrajn le.  Is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li għanda ssir *site plan* fejn jiġu indikati dawk il-postijiet li hemm il-bżonn li jinqata' il-ħaxix.

**58.08.06** Is-Sindku Scott Camilleri avża li l-Kunsill irċieva r-rapport tal-NAO rigward ir-rapport tal-Awditur Ġenerali fuq il-ħidma tal-Gvern Lokali. Mill-*feedback* li rċieva mingħand l-*accountant* tal-Kunsill, jidher li għalkemm kien hemm nuqqas ta' ħaddiema u mingħajr Segretarju Eżekuttiv *full time*, ir-rapport irrimarka li l-Kunsill mexa b'mod tajjeb. Irrimarka wkoll li kien hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni minn naħa tas-*suppliers*, fejn hemm numru minnhom li għalkemm il-ħaddiema tal-uffiċju qed jitħabtu sabiex jibagħtulhom biex jipprovdu l-irċevuti u *invoices* kif appena jinqabeż l-ewwel pagament, dawn m'humiex jaslu fil-ħin u qed jiġi xogħol żejjed lill-ħaddiema. Is-Sindku Scott Camilleri żied jgħid li apparti l-allokazzjoni finanzjarja li tkun bejn €850,000 u €900,000, il-Kunsill idaħħal madwar €37,000 oħra fis-sena minn permessi, attivitajiet, kirjiet etċ. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jinsab f'sitwazzjoni finanzjarja tajba u li x-xogħlijiet u l-attivitajiet dejjem qed għaddejin.

**58.08.07** Is-Sindku Scott Camilleri avża li ġi infurmat mis-Sur Jamie Buttigieg, il-maniġer tal-*Waste Coordinator* tar-Reġjun tan-Nofsinhar,  rigward is-sistema l-ġdida ta' ġbir ta' skart li ser tibda titħaddem mit-2 ta' Jannar 2023 skond l-iskeda l-ġdida mifruxa ma' Malta kollha. Hu talabna biex nibagħtu pjan dettaljat tat-toroq ta' kif jinġabar l-iskart, bħal fejn hemm il-bins, inħawi rurali, postijiet ta' fejn normalment ikun hemm lok għal abbuż, postijiet kummerċjali, u affarijiet oħra.  Huma avża wkoll li ser tibda kampanja minn naħa tar-Reġjun ta' informazzjoni ta' kif ser ikun il-proċess u l-iskeda l-ġdida. Il-Kunsilliera Maria Mifsud ma qablitx mal-bdil tal-ġurnata tal-ġbir tal-borża l-ħadra, wara li matul tmiem il-ġimgħa, ikun hemm aktar lok għal skart riċiklat li r-residenti issa tagħlmu li din il-ġurnata tkun it-Tlieta u mhux il-Hamis. L-Agent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa wkoll li l-ġbir tal-ħġieġ ser isir fl-ewwel u t-tielet Gimgħa tax-xahar u l-ġbir ser jibqa għaddej anki fil-ġranet tal-festi (għajr għall-Milied u l-Ewwel tas-Sena).  Is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li ssir laqgħa ma' Jamie Buttigieg biex jiġu indikati l-problemi li jkun hemm fil-lokalita' tagħna.

**58.08.08** Il-Kunsillier Joseph Farrugia daħlulu ħafna lmenti għal ħsejjes tal-ġeneratur matul il-lejl meta kien hemm qtugħ tad-dawl.  Hu issuġġerixxa li dan il-ġeneratur għandu jkollu *silencer* biex ma jkunx ta' inkonvenjent għar-residenti.

*Bħalissa is-19.00h u l-Kunsillier Joseph Farrugia talab biex jiġi skużat minħabba raġunijiet personali.*

## 58.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**58.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa li fid-29 ta' Novembru, iltaqa' l-bord tal-għazla dwar il-vakanza għall-post vakant t'Uffiċjal Eżekuttiv. Mill-lista tal-Jobsplus kien hemm 6 persuni li jistgħu japplikaw għal dan l-impjieg. Minn dawn is-6, bagħtu ic-CV tagħhom 2 kandidati biss, u li waħda minnhom irtirat l-applikazzjoni minħabba li laħqet sabet impjieg ieħor. Rigward din il-persuna waħda li attendiet għall-*interview*, wara li ġew ikkonfermati li r-rikjesti kienu skont dak mitlub, sarula diversi mistoqsijiet mill-membri. Il-bord tal-għażla qabel li peress li kien hemm persuna waħda biss, jixtieq li jingħata l-posibbiltà li jkollu kandidati oħra minn fejn jagħżel. Għaldaqstant il-bord qed jirrakomanda li l-Kunsill jinforma lill-Jobs Plus u toħroġ sejħa pubblika din id-darba għal kulħadd. Hu żied jgħid li l-kandidat li għamel l-*interview* għandu jinżamm *on hold*, biex jekk ma jkunx hemm ħaddieħor eleġibli, jerġa jsirlu *interview* ieħor. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu mad-deċiżjoni tal-bord.

**58.09.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-problema ta' vetturi u oġġetti mitluqa fil-lokal. Hawn hu ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-proċess trid tridx tinġieb stima ta' minn min ser jiġborhom, fejn ser jiġu mpoġġija, il-post ta' fejn ser ikunu jkunx assigurat, u min se jkun qed jagħmel tajjeb għall-ispejjeż jekk dawn il-vetturi jibqgħu ma jinġabrux lura mis-sid. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li l-liġi tal-iżgombru Artiklu 33B , tagħti dritt lil-Kunsill Lokali flimkien mal-Pulizija u Transport Malta biex jitneħħew oġġetti ta' żgombru fil-lokalità. Hu żied jgħid li apparti minnhekk, il-Kunsill għandu *by-law* li tispeċifika li kull oġġett li jkun ta' żgombru, il-Kunsill għandu d-dritt li jiġi żgumbrat u skond il-proċedura, għandu iġib *procurement* biex iġib kollettur li jrid ikollu post assikurat ta' fejn jerfaħom. Jekk wara xahar l-oġġett ma jintalabx lura, dan jista jiġi distrutt. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat insista li għandu jsir avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern u wara din tiġi distrutta mingħajr avviż ieħor.

**58.09.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat avża li ser toħroġ ic-CfQ għal-inkaġġ ta' *Environmental Officer*. Il-Kunsilliera qablu ma' din is-sejħa.

**58.09.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li qed ikollu diversi lmenti minn Kunsilliera li qed ikun hemm *emails* minn uħud mill-Kunsilliera lill-entitajiet u/jew Dipartimenti oħra barra mid-dikasteri tagħhom. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li jekk xi Kunsillier ikun ser jagħmel kuntatt dirett ma xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tal-Kunsillier, importanti li jinfurmaħ, u jinkludi l-email tal-Kunsill, tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat għamila ċara li korrispondenza uffiċjali tal-Kunsill toħroġ biss mis-Sindku jew mis-Segretarju Eżekuttiv.

**58.09.05** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab biex ikun hemm uniformita fuq post uffiċjali tal-Kunsill li jittelgħu fuq il-*facebook* tal-Kunsill. Hu ssuġġerixxa li meta titla post għandhom jiġu *ittegjati* l-Kunsilliera kollha. Il-Kunsilliera jkunu liberi li jagħmlu share u jekk iridu jagħmlu post bil-kummenti tagħhom.

**58.09.06** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat avża li l-Kunsill ġie nfurmat li l-mandat t'inbizzjoni marbut mas-sejħa tas-Segretarju Eżekuttiv ġie mwaqqa. Issa jista' jitkompla l-proċess għal ħatra għal dan il-post vakant.

## 58.10 *Draft Leasing Agreement* mal-*Malta Freeport Corporation* fir-rigward il-ftehim marbut mal-*Multi-Storey Car Park*

**58.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar id-*draft leasing agreement* fuq il-*multi-storey car park* mal-*Malta Freepoort Corporation.* Hu issuġġerixxa li ssir laqgħa ungenti ma' l-avukat Dr.Victor Bugeja biex jitħejja l-kontra proposta tar-rapport li trid tiġi diskussa waqt is-seduta ta' Jannar u mbagħad jiġu mgħoddija lill-*Freeport* wara is-seduta. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk hemmx xi *deadline* biex il-*Malta Freeport Corporation* tingħata risposta u s-Sindku Scott Camilleri qal li jridu risposta mil-aktar fiss possibli imma qal ukoll mportanti li din tiġi mfassla sew qabel.

## 58.11 Traffiku, Parkeġġ, Utilitajiet u Servizzi

**58.11.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa dwar il-*pelican crossing* ta' San Ġorg. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li meta marru biex jagħmlu din il-*pelican crossing* indunaw li ma kienx hemm il-permessi għalija. Il-Perit se jagħmel applikazzjoni għaliha u l-*bellishia lights*.

**58.11.02** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem rigward il-*pelican crossing* ta' fejn kien ir-ratal tad-dgħajjes fejn kien hemm talba biex tersaq aktar lejn il-kappella. Hu kellem lill-Perit biex jagħti l-opinjoni tiegħu ta' kemm l-aħjar qies li trid tersaq.

**58.11.03** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar talba għal *communal disabled parking bay* fl-area ta' bejn Triq San Fanġisku Saverjun u Triq San Ġwann. Hu qal li ser imur fil-post biex jara fejn l-aħjar li tista' isir.

**58.11.04** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem draw is-sistema tal-*one way* fl-area ta' Triq il-Kartaċiniżi, fejn hu mar jiċċekja personalment fuq il-post u ma jarax li hemm problemi ta' garaxxijiet li qegħdin bil-kontra tad-direzzjoni tat-triq. Is-Sindku Scott Camilleri talbu biex jitkellem ma' Transport Malta biex jgħaddu l-kummenti tagħhom għal dan il-pjan ta' kif qed jiġi ssuġerit li jsir, u jimxu minn hemm.

**58.11.05** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem fuq Triq ta' Feliċjan fejn qal li hemm binja minnhom li hi skond il-permess tal-*Planning Authority* imma m'hix taqbel mal-alignment tat-triq maħruġa mill-awtorità. F'din it-triq il-livell tat-triq huma mod u l-livell tal-binji huma mod ieħor. Hu mar fuq il-post flimkien mas-Sindku u ġie deċiż li minħabba l-*overflow*, aħjar li jsiru *gutters* biex ikunu aktar aċċessibli li jitnaddfu u jitbaxxew il-kurduni. Hu żied jgħid li hu pjanat li l-asfalt jasal Malta għas-17 ta' Diċembru 2022. Jekk dan l-asfalt ma jasalx, iż-żrar ma jingħatax għax jekk ikun każ li tagħmel ix-xita, dan jiġi mkaxkar mal-ilma.

**58.11.06** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-problema tal-*istorm water culverts* li hemm fi Triq il-Port Ħieles fejn qal li dawk il-barrieri li kien hemm qabel u kienu qed

jassorbu fihom l-ilma tax-xita. Dawn il-barrieri issa nbnew binjiet li telgħu u inħolqot problema fejn l-ilma tax-xita qed jmur fid-djar tan-nies. Hu kompla jgħid li Infrastructure Malta jridu jagħmlu biss mit-tarf ta' Triq iċ-Ċief sat-tarf tas-*sub station* ta' Triq is-Sebħ. Sal-lum Infrastructure Malta mhux lesta li tagħmel lanqas l-asfalt. Kif inħadmet mil-Perit tal-*Public Works*, id-differenza biex jitkomplew il-katusi tiġi tiswa madwar €400,000 u jekk ma ssirx il-biċċa tan-naħa tas-*slipway*, il-biċċa t'isfel tal-*multistory car park* ser tintela bl-ilma u ssir ħsara lilL-vetturi. Is-Sindku Scott Camilleri kompla fuq dak li kien qed jgħid il-Kunsillier Alex Caruana, li kellmu lis-Segretarju Permanenti tal-*Public Works*, u staqsieh kemm hemm fondi u qal wkoll li sa issa assigurazzjoni bil-miktub għad m'hemmx. Hu żied jgħid li għandu jkollna verifika ta' x'hemm fondi li jistgħu jittieħdu, li dawn il-fondi li jittieħdu ma jitnaqsux minn proġetti oħra u li dan il-proġett jibda u jittesta mill- *Public Works* u x-xogħol isir fi żmien li jikkorrispondi ma' ta' Infrastructure Malta. Il-Kunsillier Alex Caruana qal ukoll li hu tkellem mal-Perit ta' Infrastructure Malta fejn avżawħ li jekk ser jitkompla il-proġett tal-*istorm water* s'isfel, Infrastructure Malta lesta li tkompli bl-asfalt imma dan jitnaqqas mil-allokazzjoni tal-iskema li ħarġet Infrastructure Malta lill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan. Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet lil-Kunsillier Alex Caruana jekk kienx hemm xi żviluppi dwar is-siġar u hu wieġeb li jibqa' jsostni li jipprovdu l-wisgħa tat-triq u joħorġu dawk l-80cm biex ikun hemm post fejn joqodu siġar bejn il-bankina u l-ħajt. Il-Kunsillier Alex Caruana u s-Sindku Scott Camilleri qallu li trid issir laqgħa ma' Infrastructure Malta biex jiġu diskussi dawn l-*issues*.

**58.11.07** Il-Kunsillier Alex Caruana kellu talba għal *roadhump* fi Triq it-Tankijiet u peress li hemm tlett *blind corners* għamel pjanta u bagħta lil Perit Luke Portelli biex naraw il-*feedback* min-naħa tiegħu u wara tiġi diskussa minn naħa tal-Kunsill.

**58.11.08** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kellha talba fuq Triq Żembaq fejn kien kemm persuna li trid jagħmel xi żrar fi trejqa. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din kienet diġa ġiet diskussa u meta bagħtu lil-ERA, ġiet irrifjutata għax l-art hi protetta.

**58.11.09** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet dwar id-*double yellow lines* f'Ta' Salvun, fejn talbet lis-Sindku Scott Camilleri żewġ seduti ilu hu kien qal li dawn għamluhom Transport Malta. Meta ċċekjat, saret taf li dawn ma sarux min-naħa ta' Transport Malta. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kienet ġiet talba għal dawn il-*yellow lines* u li nbagħtet lil Transport Malta fejn x'aktarx li kienu huma li ddeċidew. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil sostniet li Transport Malta ma jafu xejn fuqhom. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien ser jagħmel *follow up* dwara.

**58.11.10** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li bagħtet *email* dwar arblu tad-dawl fi Sqaq ta' Salvun u li baqgħet mingħajr risposta. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsiha jekk hemmx diġa arblu għax jekk f'każ li ma jkunx hemm arblu reġistrat, trid issir applikazzjoni min-naħa tal-Perit.

**58.11.11** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet fuq in-nuqqas ta' dawl li kiem hemm il-ġurnata ta' qabel u fuq il-bozzoz maqtugħin li qed ikun hemm ta' spiss. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li rigward id-dawl maqtugħ fid-djar tan-nies fil-ġurnata ta' qabel, kien ġej minħabba li kien hemm ħsara f'ħames *sub stations* u mar xi *cable*. Is-Sindku Scott Camilleri tkellem fuq din is-sitwazzjoni fejn qal li mhux aċċettabli li l-Kunsill ma għandux kuntatt dirett mal-Enemalta f'każijiet bħal dawn. Hu għamel ħin twil jipprova jaqbad il-*call center* tagħhom u ma' jwieġbu ħadd. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hu kellu l-istess

problema u spiċċa kellu jċempel lil-Ministru Onor. Dr. Miriam Dalli biex isir jaf x'ġara. Hu kompla jispjega li fuq l-*istreet lighting* fin-naħa Tal-Papa din ila ġejja madwar 3 xhur u issa bix-xita s-sitwazzjoni splodiet. Hu żied jgħid li fl-aħħar ġiet identifikata l-problema. Dan kien hemm żewġ *demarcation boxes* sploduti u hu kellem lil-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill biex kif ikollu l-ewwel ċans, jaqbad u jirranġa.

**58.11.12** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk hux qed isir xi ħaġa fuq dawk iż-żewġ *flood lights* fejn il-*pitch* tal-boċċi. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dawn għandhom jsiru mil-kuntrattur tad-dawl l-ewwel ċans li jkollu.

**58.11.13** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana jekk issa li twaħħlu il-fanali dekorattivi f'Benagħjsa, id-dawl ġiex qawwi ż-żejjed. Hu wieġeb li għad hemm il-lampi l-antiki u li meta jinqalgħu, id-dawl ser jonqos u jiġi kif suppost.

**58.11.14** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lil-Kunsillier Johann Borg kif baqa' fuq il-*bus stop* ta' Triq San Patrizju li ġie eliminat. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-*Faces* kienet ħadet il-kuntratt ta' Malta kollha u meta ħadet il-kuntratt hija oġġezjonat bil-Qorti u meta il-Kunsill talab lil-*Faces* biex jirranġaw il-*bus shelters* u wara li bdew jġibu skuża fuq xi *parts*, fil-pront ħarġet il-kawża fil-Qorti. Il-Kunsillier Johann Borg qal li kellem kemm il-darba lill-President tal-AKL is-Sur Mario Fava u qallu li issa qed jippruvaw jikkonkludu. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil insistiet li għal inqas għalissa għandu jsir *bus stop* temporanju sa kemm jsir il-*Bus Shelter*. Min-naħa l-oħra il-Kunsillier Alex Caruana semma li kien staqsa lis-Sur Mario Fava wkoll dwar din il-materja u s-Sur Fava qal li s-Sindku kien infurmaħ li il-Kunsill Lokali jrid japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar biex imbgħad jitkomplew ix-xogħlijiet. Min-naħa l-oħra s-Sindku qal li ma jiftkarx eżatt u se jagħmel kuntatt mas-Sur Mario Fava.

**58.11.15** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ġibdet għall-attenzzjoni li daħlu ħafna ilmenti fuq il-magna tal-flixken tal-plastik (BCRS)li hemm ħdejn il-latrini ta' Wied il-Buni. Ħafna residenti qed jaqalgħu ċitazzjonijiet minħabba li hemm problema ta' *parking*. Is-Sindku Scott Camilleri u il-Kunsillier Alex Caruana ssuggerew jkelmu lil Transport Malta ħalli jsiru żewġ Alighting parking bays ta' 15-il minuta. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet li jitpoġġew żewġ magni oħra tal-BCRS u ħdejn kull magna jitwaħħlu *recycle bins* ukoll. Is-Sindku Scott Camilleri talab li jsir pjan ta' fejn l-aħjar li jitpoġġew u mbagħad issir talba.

**58.11.16** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet għall-aġġornament dwar is-Silver Tea Service. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kien bagħat *email* lil Renzo u għaddu qed jistenna risposta mingħandu.

**58.11.17** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat ġiet avviċinha minn persuna mill-MFA**,** fejn jixtieq jiltaqgħa mas-Sindku biex ikellmu minħabba li bil-maltemp, fil-*pitch* tar-ramel, l-istess ramel qed immur lejn il-bajja. Is-Sindku Scott Camilleri talab biex tipprovdilu l-kuntatt ta' din il-persuna biex ikun jista' jagħmel kuntatt miegħu.

**58.11.18** Il-Kunsillier Alex Caruana propona li jsiru 6 fanali tad-dawl fi Triq San Ġorġ biswt Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti. Dawn isiru 3 fanali man-naħa tal-ġnien u 3 fanali oħra man-naħa tal-bini. Is-Sindku Scott Camilleri issuġerixxa li dawn il-fanali jsiru dekorattivi wkoll u għalhekk il-Kunsillier Alex Caruana se jara x'mudelli hawn tajbin u niġbru l-quotes għalihom. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan ix-xiri.

**58.11.19** Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġerixxa li titwaħħal bozza m'arblu eżistenti fi Triq De Redin. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**58.11.20** Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġerixxa li titwaħħal bozza fi Triq id-Daqqaqa faccata ta Triq il-Mandolina minħabba li m'hemmx biżżejjed dawl. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**58.11.21** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fi Triq it-Tankijiet kien hemm talba biex issir bozza u żied jgħid li l-aħjar li titwaħħal m'arblu eżistenti li qiegħed viċin ħafna tal-bini. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**58.11.22** Il-Kunsillier Alex Caruana talab li titwaħħal bozza fi Triq tal-Karmnu fejn m'hemmx dawl biżżejjed. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**58.11.23** Il-Kunsillier Alex Caruana talab biex titwaħħal bozza f'Misraħ ir-Repubblika li tmiss ma' Triq San Tumas. Hu però ssuġerixxa li l-aħjar għall-ewwel tinxtgħel il-bozza il-ġdida li twaħħlet fil-viċin u li jekk ma jkunx hemm dawl bizzejjed jara fejn l-aħjar li tiżdied din il-bozza li qed jipproponi. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**58.11.24** Il-Kunsillier Alex Caruana semma it-twaħħil ta' bozza fi Triq iż-Żurrieq biswit il-pont li jaqsam għal Triq tal-Ġebel u li kienet diġa approvata waqt seduta preċidenti.

## 58.12 Proġetti u Skemi

**58.12.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat avża li ġiet iffinalizzata l-iskema tal-GALXlokk rigward ir-restawr fuq il-pittura u l-għamara tal-Kappella tas-Sagra Familja. Hu rringrazzja lil Mariella Stroud mir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-għajnuna u l-assistenza tagħha kif ukoll lill-Amminstrazzjoni tal-Kunsill.

**58.12.02** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li meta kien hemm il-laqgħa mal-Ministru Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi rigward Ġnien il-Kunsill, il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat u kellha raġun biex dak li jsir ikun konformi mal-persuni li jbatu bl-awtiżmu u oħrajn bi bżonnijiet speċjali. Wara li sar kuntatt mal-persuna mill-Università ta' Malta li tispeċifika fuq dan is-settur, hi ssuġġerit tip ta' *playing equipment* li jgħodd għal dawn il-persuni bi bżonnijiet speċjali. Hi għandha tibgħat xi ritratti u wara nkunu nistgħu nitkellmu mas-*supplier* biex jiġu provduti dawn it-tip ta' *playing equipment*. Il-Kunsillier Alex Caruana żied jgħid li skont hu, l-*fencing* ġie tajjeb u issuġġerixxa li nofs il-ġnien ikun iddedikat biss għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u bil-gradi jkunu jissakru.

## 58.13 Saħħa, Indafa u Ambjent

**58.13.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li hemm siġra taċ-ċipress fil-*housing estate* u li waqgħet fuq ġenb wieħed minħabba li qed tinqalgħa mil-għeruq u li tinsab ta' periklu li taqgħa fl-imminenti. Peress li din is-siġra hi protetta, u trid permess mil-ERA biex tinqala, nkunu rridu permess biex tkun tista' titneħħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lil-Perit Carmel Caccopardo, li kien jinsab waqt is-seduta *online*, biex ikun jista'

jassisti fuq din is-siġra. Il-Perit Carmel Caccopardo qal li kien ser jressaq din it-talba quddiem l-awtoritajiet ikkonċernati.

**58.13.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li mill-*feedback* li kellha fuq l-attività ta' Milied fil-Pjazza, l-attività kienet sabiħa, imma ma kienx hemm *bins* biżejjed fejn in-nies jarmu. Il-Kunsilliera Maria Mifsud ma qablitx ma dan għax skont hi kien hemm 10 bins, u li ġew provduti il-boroż u l-ħaddiema tal-Cleansing bdew inaddfuhom kuljum.

**58.13.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li kellha lment minn persuna li għandu ħanut fi Triq San Patrizju li ħdejn dan il-ħanut hemm residenza abbandunata fejn qed jintefgħu grupp t'immigranti jixorbu l-alkoħol u jorqdu fid-daħla ta' din id-dar. Dawn ta' kuljum qed iħallu diżastru u ħafna ħmieġ. Hi staqsiet jekk hux possibli li jiġi kkuntattjat is-sid ta' din ir-residenza jew jekk hux possibli, li din tiġi mbarrata. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ser ikellem lis-Supretendent dwar dan.

**58.13.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li kienet talbet biex jinxtraw il-kaxxi tal-ġriden u saqsiet jekk dawn inxtrawx. Ġew ordnati 50 kaxxa oħra u issa kienu fil-fażi li jaslu.

**58.13.05** Is-Sindku Scott Camilleri avża li rigward saħħa, din il-gimgħa ingħata mis-sala tal-Kunsill il-vaċċin ta' l-influenza u tal-Covid.

**58.13.06** Il-Kunsillier Johann Borg avża li l-għada ser ikun hemm id-*Dental Mobile* Unit fi Triq il-Kurat Fenech bejn it-8:30h u l-11:30h.

**58.13.07** Il-Kunsillier Johann Borg staqsa lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat jekk għandux xi risposta fuq l-erba' dati tal-*Mental Heath First Aid Course* għall-istaff tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġbu li ser isiru fid-dati ssuġeriti ta' 3 darbiet f'Jannar u data oħra fi Frar.

## 58.14 Attivitajiet

**58.14.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil fakkret li ser issir attività tar-Rigal b'Imħabba fl-iskola primarja fit-13 ta' Diċembru. Waqt din l-attività se jinġabru rigali għal tfal li ma jistgħux jingħataw rigali. Tajjeb jekk ikun hemm rigal ukoll min-naħa tal-Kunsill.

**58.14.02** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li l-Ħamis 8 ta' Diċembru ser ikun hemm l-inawgurazzjoni tal-fanali dekorattivi ġewwa Bengħjsa.

**58.14.03** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li s-Sibt 10 ta' Diċembru filgħodu ser ikun hemm il-ftuħ tal-*bunker* mill-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa bejn l-10:00h u n-12:00h. Matul il-*weekend* li gej ser ikun organizzat il-*weekend break*.

## 58.15 Kultura, Żgħażagħ u Sport

**58.15.01** Ma kienx hemm xejn x'jiġu diskussi.

## 58.16 Affarijiet oħra

**58.16.01** Ma kienx hemm xejn x'jiġu diskussi.

## 58.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**58.17.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 17 ta' Jannar, 2023, fil-17:30h.

**IFFIRMATA**

__________________________

**Scott Camilleri**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

__________________________

**Jordy Brincat**
*Aġent Segretarju Eżekuttiv*